**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 15 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 1482/01 AE**

**Stephen Mangion u Patrick Camilleri f'isimhom proprio u a nom u in rapprezentanza tad-ditta Mangion, Mangion & Partners.**

**vs**

**Hardrocks Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' erbgha mija u tlieta u tmenin lira Maltija (Lm483), hlas dovut ghal spejjez u drittijiet professjonali relattivi ghal servizzi rezi minnhom lis-socjeta konvenuta fuq inkarigu

taghha, in konnessjoni ma' Environmental Planning Statement (EPS) fuq progett ghal block work plant f'Wied il-Ghasel, limiti tan-Naxxar.

Ra li s-socjeta konvenuta ma kkontestatx il-kawza u lanqas ma dehret fis-seduti tas-7 ta' Jannar 2002 u tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. Massimo Vella jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta fl-avviz tat-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' erbgha mija u tlieta u tmenin lira Maltija (Lm483), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**